Port Regional Council
Kunsill Reġjonali Port

97, Triq Santa Marija,
Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

Laqgħa Reġjun Port - Nu 25/2023 tar-Raba' Amministrazzjoni

Data: Il-Ħamis, 14 ta' Settembru 2023

Ħin: 17:30

Bdiet: 18:00

Post: Uffiċju Amministrattiv Reġjun Port, 97 Santa Marija Street, Tarxien

| | | | |
|---|---|---|---|
| Chev Paul Farrugia | President | Reġjun Port | Preżenti |
| Is-Sur Marco Agius | Sindku | Kunsill Lokali Bormla | Preżenti |
| Sur John Boxall | Sindku | Kunsill Lokali Birgu | Skużat |
| Sur Clayton Cascun | Viċi - Sindku | Kunsill Lokali Fgura | Preżenti |
| Sur Vincent Borg | Sindku | Kunsill Lokali Floriana | Preżenti |
| Sur Clive Pulis | Sindku | Kunsill Lokali Isla | Preżenti |
| Sur Wayne Aquilina | Sindku | Kunsill Lokali Kalkara | Preżenti |
| Sur Dominic Grima | Sindku | Kunsill Lokali Paola | Preżenti |
| Sur Joseph Abela Galea | Sindku | Kunsill Lokali Tarxien | Preżenti |
| Sur Alfred Zammit | Sindku | Kunsill Lokali Valletta | Preżenti |
| Sur Neil Attard | Sindku | Kunsill Lokali Xgħajra | Preżenti |
| Sur Jorge Grech | Sindku | Kunsill Lokali Zabbar | Preżenti |
| Sa Lianne Cassar | Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv | Reġjun Port | Preżenti |

**25. 1 Ittri ta' Apoloġija**

25.1.1 Il-President semma li s-Sur John Boxall talab li jkun skużat mil-laqgħa minħabba impennji oħrajn li ma setax ma jattendiex għalihom. Fuq talba tal-President issekondata mis-Sur Jorge Grech, il-Kumitat approva li s-Sur Boxall jitniżel bħala skużat.

**25.2 Kofermazzjoni ta' Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.23**

25.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu. 24 hekk kif mibgħutha mis-Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Wayne Aquilina, il-Kumitat approva l-minuti hekk kif preżentati.

**25.3 Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu 24**

25.3.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu. 24 hekk kif mibgħutha mis-Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Vincent Borg, il-Kumitat approva l-minuti hekk kif preżentati.

**25.4 Konfermazzjoni tal-Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu 20**

25.4.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata is-Sur Wayne Aquilina ġiet ikkonfermata l-iskeda ta' pagamenti Nu. 20.

**25.5 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu 21**

25.5.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Jorge Grech u s-Marco Agius ġiet approve l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn il-25 t' Awwissu 2023 u l-14 ta' Settembru 2023 li kienet tammonta għall-€244,789.42.

25.5.2 Is-Sur Dominic Grima xtaq għal darb oħra jirrimarka li l-kuntrattur ta' l-iskart mhuwiex jaderixxi mal-klawżoli tas-sejħa. Għaldaqstant huwa qed isibha diffiċli sabiex jawtorizza pagament sħiħ lill-istess kuntrattur. Semma li l-lokal ta' Raħal Ġdid ma gwadnaja xejn b' dan is-servizz anzi mar għall-agħar. Semma li qed ikun hemm tgeddis f' diversi żoni li qed jispiċċaw ir-residenti joħorġu l-iskart fl-istess post li jħallih il-kuntrattur u jaqgħilu multa. Semma wkoll li qed idum żafna ma jinġabar l-iskart. Kif ukoll li ħafna drabi t-tgeddis jinqabeż u jibqa' ma jinġabarx mal-ġabra. Semma li huwa ma jistax jibqa' jaċċetta dawn l-iskużi. Is-Sindku semma li bħala Reġjun qed jaċċettaw dak li huwa ħażin. Huwa ikkonferma li kif ikun hemm rapport, il-problema tiġi riżolta fi ftit ħin. Semma li huwa jħossu li kien ingannat bis-sistema li ġiet implimentata. Semma li huwa bħala Sindku jara wkoll li qegħdin fuq l-għatba tal-Elezzjoni tal-Kunsilli Lokali u dan ma jawgurax tajjeb. Semma li jinstab iddispjaċut bl-andament li bih għaddej dan s-servizz. Semma li huwa ser ikun konstrett iwaqqaf il-pagament li l-Kunsill iħallas lir-Reġjun.

25.5.3 Is-Sur Wayne Aquilina semma li s-Sindku ta' Paola għandu forsi raġun jitkellem hekk peress li l-lokal huwa wieħed differenti mill-lokalitajiet iżgħar li hemm fir-reġjun. Għaldaqstant dawn in-nuqqasijiet ikunu jinżassu aktar. Semma wkoll li hemm bżonn ikun hemm aktar infurzar fuq il-postijiet tal-kiri.

25.5.4 Il-President semma li dawn in-nuqqasijiet mhumiex dejjem tort u ġejjin kollha mill-kuntrattur imam wkoll minn uħud mir-residenti li ma mqed joħorġu skart fil-ħin li jidhrilhom huma u meta jkollhom il-boroż mimlijin. Semma wkoll li hemm nuqqas ta' infurzar u dan ma jgħinx biexis-servizz ikun wieħed tajjeb.

25.5.6 Is-Sur Alfred Zammit semma li m' għandniex inħallu l-iskuża ta' skart iġenerat minn stabbilimenti tal-ikel biex dan jibqa' fil-kantunieri u ma jinġabarx. Semma wkoll li għandu jkun hemm trakk t' emerġenza li jdur l-lokalitajiet, għaliex huwa jemmen li kull borża li jkun hemm barra irrelevanti mill-ġurnata tal-iskeda Nazzjonali ta' ġbir ta' skart din tkun trid tinġabar. Semma wkoll li huwa jissuġġerixxi li f' lokalitajiet bħal Belt Valletta l-ġabra tal-borża s-sewda għandha tiżdied u kważi kważi tinġabar kulljum.

25.5.7 Is-Sur Clayton Cascun semma li hemm problema kbira bil-kenniesa wkoll li dawn qed iżallu boroż suwed jiġru nu ma jinġabrux mill-istes skuntrattur tal-knis. Semma li dan qed jitfa' dell ikrah fuq il-kollettur tal-ġbir ta' skart peress li dan qed jeħħel hu li qed iqabbeż dawn il-boroż.

25.5.8 Is-Sur Joseph Abela Galea, Is-Sur Jorge Grech u s-Sur Clayton Cascun ma qablux li r-Reġjun għandu jnaqqas mill-pagamenti dovuti. Dan għaliex il-kuntrattur dejjem għaraf li jirrimedja u jassisti fejn

kien hemm bżonn. Is-Sur Wayne Aquilina semma li jridu jieħdu parir legali kif jistgħu jnaqsu l-pagamenti tal-kuntrattur.

25.5.9 Is-Sur Clayton Cascun talab li jkun skużat fis-18:46.

25.5.10 Kien konkluż li:

- Kull Kunsill għandu rapport bin-nuqqasijiet u jippreżentah lir-Reġjun.

- Li tiġi skedata laqgħa ad hoc fuq is-suġġett

25.5.11 Is-Sur Wayne Aquilina u s-Sur Clive Pulis talbu li jkunu skużati mil-laqgħa fis-18:56.

**25.6 Punti oħrajn**

| | |
|---|---|
| **25.6.1 Għalf għall-Kontroll tal-ħamiem Selvaġġ** | Il-President semma li dan is-servizz kien ġie fi tmiemu min-naħa tal-Assoċjazzjoni peress li l-kuntratt kien skada u l-Assoċjazzjoni ma kinitx ġiet ivutata fondi addizzjonali biex tkompli s-servizz.<br>Semma li l-Kunsilli interessati li jkomplu bis-servizz għandhom jikkomunikaw mar-Reġjun sabiex tittieħed deċiżjoni jekk ir-Reġjun ikunx jista' jasissti lill-Kunsilli li jixtiequ li jkomplu b' dan is-servizz. |
| **25.6.2 CCTVS** | Il-President fakkar sabiex il-Kunsilli jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom mill-aktar fis possibbli u reġa' fakkar li dawn l-claims għandhom jidħliu r-Reġjun sa l-aħħar tas-sena 2023. |
| **25.6.3 Skema ta' Attivitajiet Kulturali** | fakkar sabiex il-Kunsilli jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom mill-aktar fis possibbli u reġa' fakkar li dawn l-claims għandhom jidħliu r-Reġjun sa l-aħħar tas-sena 2023.<br>Is-Sindku tal-Belt Valletta ressaq proposta sabiex il-Kunsill jikkollabora ma' l-Għaqda Filarmonika La Valette sabiex nhar 3 ta' Novembru jitella' kunċert fil-Konkatidral.<br>Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Jorge Grech, il-Kumitat approva l-proposta. |

Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

**25.7 Aġġornament**

25.5.1 Il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar it-Tnejn, 23 t' Ottubru 2023 fil-17:30 fl-Uffiċju tar-Reġjun.

**Chev Paul Farrugia**

**President Reġjun Port**

**Lianne Cassar**

**Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv**